MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1808/2013/1

**John Camilleri (karta ta' l-identita` numru 371466 (M))**
**Andre` Xuereb (karta ta' l-identita` numru 431074 (M))**

**vs**

**Joseph Bezzina (karta ta' l-identita` numru 64066 (M))**
**Claire Bezzina (karta ta' l-identita` numru 341473 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fuq indikat datat il-25 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi ghandhom interess li jigu protetti d-drittijiet taghhom;

1.2 Illi konsegwentement, biex jigu kkawtelati dawn id-drittijiet, l-istess rikorrenti talbu lil din il-qorti biex tinibixxi jew izzomm lill-intimati fuq indikati milli:

1.2.1. Jitrasferixxu d-dar taghhom numru 220, “Fid-Dwejra”, jew bl-isem li jista’ jkollha, bl-arja taghha, fi Triq il-Parilja, Santa Venera, konfinanti kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2.2. Illi din it-talba qed issir mir-rikorrenti biex jikkawtelaw il-pozizzjoni taghhom rigwardanti danni gia` mitluba fil-procedura appozita indikata fl-imsemmi rikors, wara allegat qerq fil-bejgh ta’ *mobile kiosk*, (trakk), mill-intimati lir-rikorrenti;

2.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat il-25 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu:

2.1. Laqghet it-talbiet tar-rikorrenti provizorjament;

2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fil-modalita` indikata fl-istess digriet;

3. Tirrileva li l-intimati, ghalkemm debitament notifikati bir-rikors guramentat promotur, u bl-avviz ghas-smiegh skont il-ligi, u anke effettivament attendew ghas-smiegh appuntat, ghazlu li ma jirrispondux ghall-istess;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

5. Tissottolinea li l-intimati esprimew ruhhom fis-sens li m’ghandhom l-ebda oggezzjoni ghall-hrug tal-mandat liema espressjoni ta’ hsieb hi ekwivalenti ghall-ammissjoni tat-talbiet tar-rikorrenti;

6. Illi konsegwentement din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva li la rinfaccata b’din l-ammissjoni tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fit-totalita` taghhom;

**DECIDE:**

7.0 Illi in vista tal-premess din il-qorti ghalhekk:

7.1 Tikkonferma d-digriet precedenti taghha datat il-25 ta' Novembru, 2013, fuq gia` riferit;

7.2 Tirriforma l-istess digriet indikat fil-paragrafu precedenti f'wiehed b'effett permanenti;

7.3 Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati Joseph u Claire Bezzina fuq ukoll gia` indikati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------